**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 539/2019 AGV**

**AB (ID nru: 452882 M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 389480M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 25 ta' Novembru, 2019 fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil- 5 ta' Mejju 2006 gol-Knisja Parrokkjali tal-Isla, u minn daz-zwieg huma kelhom zewgt itfal E u F li twieldu fid- 19 ta' Lulju 2008 u fis- 27 ta' Lulju 2013 rispettivament;
2. Illi l-partijiet ilhom separate legalment b' kuntratt redatt min nutar Dr. Sylvana Borg Caruana sa mil-20 ta' April 2015 (kopja ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

3. Illi ma hemm l-ebda propsett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata u indpendenti minn xulxin;
4. Illi skont l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali (vide Klawsola 4 tad- Dok A anness), il-partijiet ddekadew mid-dritt li jircevu manteniment minghand xulxin;
5. Illi skont l-istess kuntratt (vide klawsola 6 tad- Dok A, hawn anness), l-intimat obbliga ruhu li jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' 300 Ewro, fix-xahar, ossija ir-rata ta' 150 fix-xahar kull wild, bhala manteniment;
6. Illi c-cikrostanzi hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta).
7. Illi r-rikorrenti taf b' dal-fatti personalment.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-artiklu 66 A) tal-Kodici Civili ( Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li l-intimat deher ghas-seduta tat-8 ta' Jannar 2020, fejn informa lill- istess Qorti illi u ma ghandux oggezzjoni ghal ghoti tad-divorzju salv illi ma jehilx sepjjez, ghall-istess.

**DECIDE**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**